

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru 2008

- wara li kkunsidra l-Artikoli 75, 83(7), u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0490/2008),

1. Jagħti il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokol;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.

---

### **Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru \***

P6\_TA(2008)0587

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (COM(2008)0347 — C6-0342/2008 — 2008/0121(CNS))**

(2010/C 45 E/23)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2008)0347),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 80(2) u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0342/2008),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0471/2008),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Indja.
-